**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 369/2015**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Anthony Bone**
*Omissis*

Illum 22 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Anthony Bone**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 6263(M), u *Omissis* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'isimhom proprju kif ukoll fil-kapaċita' tagħhom ta' diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Concorde International Freight Forwarders Limited:

1. f'Novembru 2002 u fix-xhur preċedenti f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew

ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta *ai termini* ta' Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi *ai termini* ta' Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlu użu minn dokumenti foloz *ai termini* ta' Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud talli fl-1 ta' Novembru 2002, u/jew f'xi data qabel, xjentement issottomettew u/jew ittolleraw li jiġi sottomess lid-Dipartiment tad-Dwana dokument (*commercial invoice)* b'valur ta' €7,000.00 datat 23 ta' Ottubru 2002, dokument ieħor b'valur ta' €70,000.00 li jkopri l-istess merkanzija, flimkien ma' (*import declaration*) bin-numru R75989 datat 29 ta' Ottubru 2002 li tagħmel riferenza għall-ammont ta' €7,000.00. B'din id-dikjarazzjoni huma xjentement għamlu dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' Lm3039.00, Taxxa Fuq il-Valur Miżjud (VAT) imħallsa kienet ta' Lm456.00, meta filfatt il-valur u l-VAT reali kellhom ikunu Lm29,041.00 (€67,647.33) u Lm4356.99 (€10,146.75) rispettivament.

B'hekk bil-ħsieb li jiffrodaw lill-Gvern ta' Malta, xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu f'illi bil-qerq tinħarab it-Taxxa

Fuq il-Valur Miżjud (VAT) għal Lm3,900.00 (€9048.56) dovuta lill-Gvern ta' Malta.

Dan bi ksur ta':

a) Artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta) u Artikolu 18A tal-Att dwar Dazju ta' Importazzjoni (Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta);

b) Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII tal-1998).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju 2015 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 183, 184, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 18, 62(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li:

- sabet lil *Omissis* mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif addebitati fil-konfront tiegħu u lliberatu minnhom;

- ma sabitx lill-appellant Bone ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha lliberatu, pero' sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra u:

  - in kwantu għall-imputazzjoni li tikkonċerna l-evażjoni tal-ħlas ta' dazju lid-Dwana ġie kkundannat għall-ħlas ta' multa ta' sitt mitt Euro (€600) *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-proviso ta' Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u ddikjarat li terz minn dan l-ammont

għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana;

- in kwantu l-imputazzjonijiet l-oħra fejn l-appellant ma ħallasx il-VAT dovut lill-Gvern ta' Malta fuq l-ammont reali tal-valur tal-oġġett impurtat u ta' l-imputazzjonijiet ta' frodi u ta' użu ta' dokument falz, l-Ewwel Qorti rat li l-imputat Bone huwa *a first time offender* b'kondotta nadifa u għalhekk minflok ikkundannatu jħallas il-multa ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€27,253.68) lill-Kummissarju tal-VAT oltre li tikkundannah għar-reati l-oħra, hija kkundannatu komplessivament b'applikazzjoni ta' Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal priġunerija għall-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar, liema perjodu ġie sospiż għall-perjodu ta' tliet (3) snin *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant Anthony Bone ppreżentat fl-14 ta' Lulju 2015 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma u tvarja s-sentenza appellata, b'dan li filwaqt li tikkonferma l-parti fejn ma sabitx ħati lill-esponenti tat-tieni akkuża li ffalsifika dokument kummerċjali, tirriforma s-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati tal-akkużi l-oħra billi konsegwentement tillibera lill-istess esponenti minn kull imputazzjoni jew ħtija skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-25 ta' April 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi għandu jingħad li s-sentenza appellata ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Lulju 2015 u li hija ġiet mogħtija fil-konfront tal-appellant Anthony Bone u kif ukoll fil-konfront ta' Anthony Mizzi però din is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hija dwar appell li ġie mressaq biss mill-appellant Anthony Bone. Jingħad ukoll li Anthony Mizzi ġie liberat mill-Ewwel Qorti mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li s-soċjeta' Concorde International Freight Forwarders Limited kienet importat xi ħgieg mis-socjeta' Glass Deco ġewwa l-Olanda liema ħġieġ kellu valur skont id-ditta estera ta' ċirka sebgħin elf Euro (€70,000). Ġara pero' li lid-Dipartiment tad-Dwana ġew ippreżentanti żewġ *invoices* b'valuri differenti: waħda fl-ammont ta' sebghin elf Euro (€70,000) (Dok. "A" – *a fol.* 23) u oħra fl-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) (Dok. "B" – *a fol.* 24). Minn dawn iż-żewġ dokumenti jirriżulta ċar li l-merkanzija li kienet qed tiġi mportata kienet waħda u b'hekk ma kienx hemm lok li jkun hemm żewġ *invoices* b'valuri differenti. Wara li fizzjal tad-dwana ndunat li kien hemm żewġ *invoices* b'valuri differenti għall-istess merkanzija, fizzjal ieħor tad-dwana ordna li l-importatur kellu jiġi mitkellem sabiex jindikalhom liema kienet l-*invoice* it-tajba u sabiex jieħu miegħu l-*packing list* relattiva u spjegazzjoni mingħand is-*supplier* għaliex kien tahom żewġ fatturi differenti għall-istess merkanzija. Jirriżulta li l-appellant Bone kien kiteb lid-Dwana u nfurmahom li kien hemm *typing error* fl-*invoice* li tindika l-valur għas-somma ta' sebgħin elf Euro (€70,000) u dan għaliex l-ammont kellu jkun sebat elef Euro (€7,000). B'hekk id-Dwana aċċettat li jsir depożitu biex jagħmel tajjeb għad-differenza ta' bejn sebat elef Euro (€7,000) u sebgħin elf Euro (€70,000) u in segwitu ta' dan l-appellant Bone kiteb ittra lid-Dwana fejn talab sabiex jieħu *refund* tal-ammont li

kien ħallas bħala depożitu fuq is-somma ta' sebgħin elf Euro (€70,000). Jirriżulta li Spettur tad-Dwana kien kiteb lid-Dwana ġewwa l-Olanda sabiex jivverifika d-dokumentazzjoni u minn ittra mibgħuta mill-Olanda rriżultalu li effettivament is-soċjeta' Concorde International Freight Forwarders Limited kienet għamlet numru ta' pagamenti li lkoll flimkien kienu jammontaw għal disgħa u sittin elf, disgħa mija u sittin Euro (€69,960) u li għalhekk kien aktar verosimili li l-*invoice* kellha tkun sebghin elf Euro (€70,000) u mhux sebat elef Euro (€7,000). F'din l-istess ittra mibgħuta mill-Olanda hemm indikat li l-*invoice* bis-somma ta' sebat elef Euro (€7,000) kellha logo falz.

**Ikkunsidrat**

Illi minn qari tar-Rikors tal-appell tal-appellant jirriżulta li huwa wieħed prinċipalment dwar apprezzament ta' fatti li sar mill-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti tinnota li r-rwol tagħha huwa dak li tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx raġonevolment u legalment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16

Illi din il-Qorti tinnota li fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti għamlet ri-assunt tal-provi miġbura quddiemha u din il-Qorti mhijiex tal-fehma li għandha terġa' tagħmel ri-assunt ieħor tagħhom f'din is-sentenza b'dan illi din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u tagħmel ir-riferenzi neċessarji għalihom, inkluż dak li xehdu x-xhieda skont kif ikun meħtieġ.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti injorat li biex ikun hemm ir-reat jenħtieġ l-*actus reus* u l-*mens rea*. Jisħaq li l-ewwel fatt importanti li kien injorat mill-Ewwel Qorti huwa li kienet is-soċjeta' Concorde International Freight Forwarders Limited stess li bagħtet żewġ fatturi b'valuri differenti u li xi ħadd kien ta lill-burdnar il-fattura ħażina u l-fattura t-tajba. Jgħid li la r-reat u lanqas it-tentattiv tiegħu qatt ma setgħu jsiru. Jargumenta wkoll li l-Ewwel Qorti njorat fatt ieħor u biex inħarġet il-merkanzija mid-dwana kellu jitħallas l-ammont kollu dovut u li l-Gvern ma sofra ebda telf. Jgħid li dawn iż-żewġ fatti kienu kkonfermati mix-xhieda kollha li tressqu mill-Prosekuzzjoni.

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jisħaq li fit-trattazzjoni tqajmet id-difiża tal-impossibilita' tat-twettiq tar-reat. Jisħaq li lanqas kieku kien hemm il-*mens rea*, xorta l-*actus reus* ma setax isir għar-raġuni mogħtija fl-ewwel aggravju. Jargumenta li s-soċjeta' nnifisha kkonsenjat lill-Uffiċjali tad-Dwana l-fattura bil-valur reali ta' sebgħin elf Euro (€70,000) u dan sar fl-istess waqt li l-uffiċjali ħadu l-fattura l-ħażina. Jgħid li l-iStat qatt ma seta' jiġi ngannat

ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

għax biex ħarġet il-konsinja s-soċjeta' kellha tħallas id-dazju kollu dovut u li anke jekk hu (l-appellant) baqa' taħt l-impressjoni żbaljata li l-ammont dovut kien dak fuq il-fattura ta' sebat elef Euro (€7,000), la darba l-awtoritajiet kellhom f'idejhom il-fattura korretta allura kien fattwalment u legalment impossibbli li jsir it-tentattiv jew li jitwettaq ir-reat.

Illi fit-tielet aggravju l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti sabet ħtija fih meta ma rriżultax li kien hu li għamel jew ikkonsenja l-fattura ħażina u ma kienx hu li seta' jibbenefika minnha. Jgħid li l-Ewwel Qorti qalet li hu (l-appellant) kien uża l-fattura l-ħażina u jargumenta li hu ma setax jagħmel dan l-użu ħażin għaliex fl-istess waqt il-kumpanija ppreżentat il-fattura korretta. Jgħid li l-VAT kien tħallas ukoll fuq l-ammont il-kbir u mhux kif qalet l-Ewwel Qorti li l-VAT ma tħallasx. Jgħid li dan il-VAT ma kienx dovut minnu (mill-appellant) iżda minn Anthony Mizzi u l-kumpanija tiegħu, li tagħha hu (l-appellant) kien biss impjegat.

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ma straħitx fuq *the best evidence* meta straħet fuq kopja ta' ittra li l-oriġinali tagħha ma setgħetx tiġi rintraċċjata.

Illi fil-ħames aggravju l-appellant jisħaq li hu ma kellux kontroll fuq il-bqija tal-ħaddiema li kienu fil-kumpanija. Jgħid li lanqas ma kellu kontroll fuq dak li seta' għamel il-ko-akkużat l-ieħor li kien is-sid tal-kumpanija u li kien l-uniku bniedem li seta' jgawdi. Jargumenta li la ma kienx hu li wettaq il-ħażen ma kellu ebda obbligu li jgħarraf lill-awtoritajiet tad-dwana. Jisħaq li barra dan huwa kien sar jaf wara li kienu ġew ippreżentati ż-żewġ fatturi u wara li l-ammont ta' taxxa dovuta kien tħallas u li għalhekk kien impossibbli li jitwettaq xi reat u kien għadda ż-żmien u tad-Dwana ma kinux ser jagħtu każu ġialadarba ġabru dak li kellhom jieħdu.

Illi fis-sitt aggravju l-appellant jargumenta li l-kumpanija kienet biss *freight forwarder* u ma kinitx timporta l-ħġieġ u li għalhekk ma kellhiex esperjenza fl-importazzjoni tal-ħġieġ. Jgħid li hu ma kienx jaf li din kienet ħġieġa speċjali għax hu qatt ma ħadem f'dan

ix-xogħol u jisħaq li l-liġi penali ma tistax tistrieħ fuq assunzjonijiet.

Illi fis-seba' aggravju tal-appellant issir riferenza għall-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati u jingħad hekk:

- Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni, wara li l-appellant espona liema huma l-elementi li għandhom jiġu ppruvati, huwa ssottometta li d-ditta li jaħdem magħha kienet tat il-fattura korretta u ma kienx hemm l-element ta' qligħ u jgħid li jekk seta' jsir xi qligħ dan seta' jiġi biss perċepit minn Anthony Mizzi.

- Dwar it-tielet (3) imputazzjoni l-appellant jgħid li ma kienx ippruvat li meta ngħataw il-fatturi huwa kien jaf li qed tingħata fattura li l-ħġieġa kienet tiswa sebat elef Euro (€7,000) u jgħid li ma ġiex ippruvat li l-fattura għamilha hu jew ikkonsenjaha hu. Jgħid li ġie ppruvat il-kontra u li, in segwitu ta' dan, hu qatt ma seta' għamel użu mill-fattura msemmija. Jgħid li qatt ma seta' xjentement jagħmel użu minn dokument falz.

- Dwar ir-raba' (4) imputazzjoni l-appellant semma l-elementi tagħha u saħaq li dawn ma jissussistux fil-konfront tiegħu. Jgħid li hu ma għamel ebda dikjarazzjoni falza b'mod konxju u li meta kiteb lid-Dwana li l-valur reali kien l-iżgħar wieħed, id-Dwana kienet diġa' tħallset fuq l-ogħla valur. Jargumenta li dak li basar ma kienx korrett imma dan ma jesponihx għal reat kriminali.

Illi fit-tmien aggravju tiegħu (li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jindikah bin-numru sebgħa (7) wara li l-aggravju ta' qabel kien diġà indikat bl-istess numru), l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti ma tatx każ sewwa tal-istqarrija tiegħu. Jgħid li f'dan il-każ l-uniku ħjiel ta' x'kellu f'moħħu jista' jittieħed biss mill-istqarrija. Jgħid li mill-istqarrija jirriżulta li hu ma kienx jaf min ippreżenta l-fattura u li żgur li ma kinitx mansjoni tiegħu. Jgħid li hu kien biss impjegat waqt li l-akkużat l-ieħor kien sid il-

kumpanija. Jgħid li ma kellux mottiv biex iqarraq u li huwa kiteb lil tad-Dwana li l-fattura t-tajba kienet dik li tindika sebat elef Euro (€7,000) qabel ma sar jaf minn għand Anthony Mizzi li l-fattura korretta kienet tindika sebgħin elf Euro (€70,000). Jisħaq li m'hemm ebda prova li dan sar b'malizzja.

Illi l-appellant jagħlaq l-appell tiegħu billi jgħid li huwa ċar li ebda waħda mill-imputazzjonijiet li dwarhom ġie misjub ħati ma ġiet ippruvata.

Illi fis-sottomissjonijiet finali li saru quddiem minn din il-Qorti diversament preseduta (*a fol.* 241 *et seq.*) id-difiża ssottomettiet li l-ħġieġ kien għad-dar ta' Anthony Mizzi u ma rriżultax min ikkonsenja l-fatturi. Jingħad li l-appellant ma kienx jaf li kienu ppreżentati żewġ fatturi u li l-fattura ta' sebgħin elf Euro (€70,000) kienet għand id-Dwana mill-bidu nett u li l-appellant sar jaf b'kollox meta nterrogawh tad-Dwana. Da parte tagħha, il-Prosekuzzjoni nsistiet li fiż-żmien meta seħħew ir-reati l-appellant Bone kien direttur u mhux impjegat. Il-Prosekuzzjoni, waqt li ddifendiet is-sentenza kif mogħtija mill-Ewwel Qorti, issottomettiet li għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel (1) imputazzjoni hija kienet tal-fehma li din tasal sat-tentattiv biss.

**Ikkunsidrat**

<u>Ir-Rwol tal-appellant fil-kumpanija Concorde International Freight Forwarders Limited</u>:
Illi din il-Qorti tinnota li jkun opportun li l-ewwel jiġi stabbilit xi rwol kellu l-appellant Bone fil-kumpanija Concorde International Freight Forwarders Limited fis-sena 2002. Mentri fir-Rikors tal-appell huwa deskritt bħala sempliċi impjegat, fiċ-ċitazzjoni huwa kien imħarrek f'ismu proprju kif ukoll fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Concorde International Freight Forwarders Limited.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant insista li l-Ewwel Qorti ma tatx każ tal-istqarrija (Dok. "MMP 1" – *a fol.* 97 *et seq.*) rilaxxata minnu. F'din l-istqarrija l-appellant qal li huwa direttur tal-

kumpanija Concorde International Freight Forwarders Limited u wara qal li d-diretturi huma hu u Anthony Mizzi li jgħid huwa s-sid. Jgħid li Mizzi huwa l-uniku *shareholder* u li huwa kien *employee.* Jgħid li fil-perjodu 2002 hu kien *in charge* mill-kumpanija għax Mizzi ma kienx hemm.

Illi minn dak li ngħad hawn fuq jirriżulta li l-appellant ma kienx xi impjegat ordinarju imma, kif jgħid hu stess, direttur u fiż-żmien imsemmi, huwa kien *in charge* għax Mizzi ma kienx hemm. Għalhekk jgħodd għalih dak li jiddisponi Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Interpretazzjoni) dwar reati minn għaqda ta' persuni fejn jingħad li:

> "[...] kull persuna, li fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm-il darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat."

Illi b'hekk għandu jitneħħa kull dubju dwar x'kien ir-rwol tassew tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li m'hemmx dubju li d-Dwana kellha fil-pussess tagħha żewġ fatturi għall-istess oġġetti importati b'fattura minnhom turi l-figura ta' sebat elef Euro (€7,000) u bil-fattura l-oħra turi sebgħin elf Euro (€70,000). Jirriżulta li dik ta' sebat elef Euro (€7,000) mhijiex veritjiera u l-kumpanija Olandiża qalet li hija ma kinitx responsabbli għaliha kif kien jidher mil-logo differenti.

Illi m'hemmx prova dwar min għamel il-fattura li turi sebat elef Euro (€7,000) tant li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi l-appellant ċaħad li ppreżenta d-dokumenti huwa. Meta wasal ix-xogħol in kwistjoni f'Malta l-ħaddiema tal-*front desk* ma sabux d-dokumenti oriġinali. L-aġent tagħhom fl-Olanda għarrafhom li d-dokumenti kienu nżammu hemm sabiex jinħareġ l-EUR 1 *certificate*. L-appellant kien skopra illi l-iskrivan Richard Mifsud Bonnici (li hu *customs clearance clerk*) kien ħadem fuq *faxed copy* li rċieva minn għand Traffic. Dak iż-żmien id-Dwana kien qalulhom li rċevew żewġ fatturi b'valuri differenti u talbuhom biex iħallsu fuq is-sebgħin elf Euro (€70,000) kif ukoll multa sakemm ikun mistħarreġ il-każ.

Illi skont l-appellant stess huwa jikkorrispondi mad-Dwana meta tinqala' xi problema. Fl-istqarrija tiegħu l-appellant, meta kien mistoqsi jekk kienx jaf li kien hemm *invoice* falza, wieġeb: *"Evidentement hekk jidher"* (*a fol.* 98). Huwa qal ukoll li ħadd ma seta' jiggwadanja għaliex l-ammont imħallas – kemm jekk fuq is-sebgħin elf Euro (70,000) kif ukoll jekk fuq is-sebat elef Euro (€7,000) – kien *refundable*.

Illi l-appellant minn jeddu qal li hu qatt ma kellu l-fatturi f'idejh u kien biss wara li nqala' l-każ li kellu jidħol. Hu kien ukoll ikkorrisponda ma' tad-Dwana sabiex jispjega dak li għalih kien *typing error*. Huwa kien iċċekkja ma' Mizzi u kien Mizzi li ordna l-*cargo* għalkemm ma kienx jersaq lejn l-uffiċju. Kien Mizzi li kkonferma li l-ammont ta' veru kien dak ta' sebgħin elf Euro (€70,000). Dan sar wara li hu kiteb lid-Dwana.

Illi għandu jingħad li wara li nduna, l-appellant <u>ma ħassx</u> li kellu jgħid lid-Dwana li hu kien għamel żball għax xorta ma kinux ser jagħtu każ.

Illi jirriżulta li l-appellant huwa r-raġel ta' oħt Anthony Mizzi.

Illi mid-dokument li jinsab *a fol.* 122 jirriżulta li Glass Deco International B.V. kienet kitbet lil Anthony Mizzi dwar il-pagament ta' disgħa u sittin elf, disa' mija u sittin Euro (€69,960). Id-Dwana diġa' kienu talbu kjarifika dwar liema mill-fatturi kienet it-tajba fil-31 ta' Ottubru 2002.

Illi fit-18 ta' Novembru 2002 (Dok. "DB 3" – *a fol.* 33) l-appellant kien kiteb lill-Kontrollur tad-Dwana fejn huwa rrifera għall-konsenja li hija s-suġġett ta' dan il-każ u qal hekk:

> "It transpires that on presentation of asycuda documentation for this shipment, it was discovered that an invoice with the wrong value was attached. The actual value of the cargo was of Euro 7,000 but it seems that another invoice for Euro 70,000 was received and attached to the relative documentation.
>
> It is however evident that this document relates to a typing error for various reasons amongst which a) the individual cost of each crate is clarification fax received from the supplier via the Dutch agents, b) the amount of Euro 70,000 would be extremely improbable and way too expensive for such cargo.
>
> The only explanation we can give is that due to our insisted requests to obtain faxed invoices and packing lists for the cargo, it seems evident that on preparation of one set of documents, there was a macroscopic typing error, which was naturally made in 'bona fide.'
>
> We therefore ask you to make the necessary verifications, and to let us have by return our deposit payment once you are entirely satisfied with the facts."

Illi fit-8 ta' Jannar 2003, l-appellant kiteb it-tieni ittra (Dok. "DB 4" – *a fol.* 38) lill-Kontrollur tad-Dwana fejn qal hekk:

> "I refer to the above-mentioned file and shipment which is currently being investigated by your department.
>
> We wish to inform you that we are now in possession of the EUR 1 certificate that covers this cargo and for which we have paid a deposit. Kindly advise how we are to proceed.

In the meantime, since we have not received word from you since your acknoweldgement of the 20/11/02 we kindly ask you to advise at what stage have you arrived in settling this issue, considering that a substantial sum of Lm5670.00 is still pending as a deposit."

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel, it-tieni u t-tielet aggravju tal-appellant flimkien.

Illi din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha billi tinnota li l-appellant jissottometti li kollox kien *refundable*. Il-Qorti qed tiċħad l-aggravju li r-reat kien impossibbli li jsir għaliex il-flus huma *refundable* u dana peress li d-dikjarazzjonijiet iridu jkun veraċi kemm jekk dak li ser jitħallas ser ikun rifondibbli jew le. Il-punt vitali mhux jekk dak li ser jitħallas hux ser jitħallas lura iżda li l-Awtorita' tkun taf x'inhu eżatt id-dħul dovut lilha jew le. Huwa wara li jkun deċiż x'għandu jkun rifuż. Iżda fil-mument tal-importazzjoni m'għandux ikun hemm dubju dwar valuri u t-taxxa trid titħallas fl-intier tagħha. Din mhix kwistjoni x'ser tiggwadanja jew le.

Illi aggravju ieħor huwa dwar l-impossibilita' tat-twettiq tar-reat fejn l-appellant jissottometti la d-Dwana kellha f'idejha ż-żewġ dokumenti allura ma setgħetx tkun imqarqa. Din il-Qorti tinnota li din is-sottomissjoni mhijiex korretta għaliex id-Dwana kellha saħansitra tistaqsi liema dokument huwa korrett – jekk hix il-fattura tas-sebat elef Euro (€7,000) jew inkella dik tas-sebgħin elf Euro (€70,000). Saħansitra kellha tirrikorri għand l-Awtoritajiet tal-Olanda darbtejn – inkluż bir-rogatorji – sabiex tiskopri l-verita'. Isegwi għalhekk li mhijiex korretta s-sottomissjoni li r-reat ma setax iseħħ għaliex id-Dwana kellha ż-żewġ dokumenti f'idejha u mhux il-falz biss. Il-fattura falza ħolqot dubju liema dubju seta' jiġi ċċarat ħafna qabel iżda dan ma sarx.

Illi lanqas m'hi korretta għal kollox is-sottomissjoni tal-appellant li għax tħallas l-ammont l-għoli biex ħarġet il-merkanzija allura ma

kienx hemm frodi. Hawnhekk il-Prosekutur ikkonċeda fi stadju tal-appell li dwar l-ewwel (1) imputazzjoni aktar jirriżulta t-tentattiv milli r-reat komplut (u dan ser ikun rifless aktar 'il quddiem f'din is-sentenza), iżda bl-ebda mod ma jfisser li t-tentattiv ma sarx ġialadarba kien hemm żmien u dokumenti biżżejjed biex il-Kontrollur tad-Dwana jkun jaf l-ammont veru li kien ta' sebgħin elf Euro (€70,000) u mhux dak ta' sebat elef Euro (€7,000).

Illi l-appellant issottometta wkoll li hu ma kellu ebda motivazzjoni għal dak li sar. Hawn wieħed irid jiddistingwi bejn motivazzjoni u *mens rea*. Huwa tassew li l-ħġieġ ġie ordnat minn Anthony Mizzi u li ma kienx ordnah l-appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati ma sabet ebda prova li l-preżentazzjoni tad-dokument in kwistjoni saret minn xi wieħed mill-imputati u kien għalhekk li kemm Mizzi kif ukoll Bone ġew liberati mit-tieni (2) imputazzjoni. Għandu jingħad pero' li l-appellant kien direttur fiż-żmien imsemmi u ma jistax ikun li tinqala' problema bħal din u d-direttur – li għandu relazzjoni familjari mad-direttur l-ieħor u s-sid tal-kumpanija – ma jkellimx lil sidha dwarha sat-18 ta' Novembru 2002 u sat-8 ta' Jannar 2003 biex jara x'tassew ġara. Mill-kliem użat fl-ittra tat-8 ta' Jannar 2003 hawn fuq imsemmija jidher biċ-ċar li l-appellant ma kienx qed juri li qed jieħu gost bl-ammont ta' depożitu li kien tħallas. Iżda din il-Qorti ma tistax tifhem kif fi żmien xahrejn qatt ma kien tkellem mad-direttur l-ieħor li huwa s-sid tal-kumpanija dwar il-problema li nqalgħet mad-Dwana. Żgur li sat-8 ta' Jannar 2003 jew kien jaf x'ġara jew bħala direttur imissu kien jaf x'ġara speċjalment fid-dawl tal-*Commercial Invoice* tat-23 ta' Ottubru 2002 (*a fol.* 23).

Illi fuq kollox fl-istqarrija tiegħu l-appellant qal li ma ħassx li kellu jgħid lil tad-Dwana li kien għamel żball għaliex ħaseb li xorta ma kinux ser jagħtu każ. Id-dmir tal-appellant bħala direttur tal-kumpanija kien li jgħarraf lill-Kontrollur b'dak li seta' ġara għaliex il-Kontrollur tad-Dwana għandu l-obbligu li jiġbor dak li jista' jiġbor f'dak li huwa dħul ta' taxxi. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija moralment konvinta li Anthony Bone kellu l-*mens rea* ġialadarba ma ħax l-inizjattiva wara tant żmien tal-konsenja li

jikkoreġi dak li ġara. Il-fatt li l-merkanzija ma kinitx destinata għalih personali ma jġibx xi nuqqas ta' *mens rea* ġialadarba kellu ż-żmien kollu sabiex jgħarbel id-dokumenti, jitkellem ma' sid il-kumpanija u jara l-oġġett importat. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant qed ikun miċħud.

Illi dwar it-tieni aggravju dwar l-impossibilita' tat-twettiq tar-reat dan diġa' ġie kkunsidrat aktar 'il fuq u għar-raġunijiet msemmija anke dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

Illi dwar it-tielet aggravju li jirrigwardja li l-appellant ma setax jikkommetti r-reat, din il-Qorti diġa' ttrattat dan l-aggravju u għar-raġunijiet mogħtija qegħda tiċħdu. Dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jgħid li kien biss impjegat u li l-taxxi kienu dovuti mill-kumpanija Concorde International Freight Forwards Limited, din il-Qorti diġa' qieset dan l-aggravju fit-tul u qegħda tiċħdu wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar ir-raba' aggravju tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma straħitx fuq il-*best evidence* meta straħet fuq kopja ta' ittra, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kopja tal-ittra imsemmija kienet *the best evidence* li l-Ewwel Qorti setgħet tistrieħ fuqha. Ma jfissirx li l-*best evidence* trid tkun bilfors l-oriġinali jekk l-oriġinali ma tkunx tista' tkun rintraċċjata. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ir-raba' aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-ħames aggravju fejn l-appellant jgħid, fost l-oħrajn, li hu ma kellux kontroll fuq il-bqija tal-ħaddiema li kienu fil-kumpanija, id-difiża tal-appellant tirreferi għal dak li kien qal waqt l-istqarrija. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-appellant tħarrek kemm personalment kif ukoll bħala direttur tas-soċjeta' Concorde International Freight Forwarders Limited. Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie kkwotat aktar 'il fuq huwa ċar biżżejjed. Mhux biżżejjed li wieħed jgħid li l-att twettaq minn xi impjegat ieħor jew persuna oħra. Fil-vesti

tiegħu ta' direttur l-appellant kellu d-dmir li jgħarraf lill-Kontrollur tad-Dwana. Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar is-sitt aggravju fejn l-appellant jargumenta li l-kumpanija kienet biss *freight forwarder* u ma kinitx timporta l-ħġieġ u li għalhekk ma kellhiex esperjenza fl-importazzjoni tal-ħġieġ, din il-Qorti tinnota li dwar dan l-aggravju diġa' kien hemm riflessjonijiet minn din il-Qorti dwar diversi aspetti oħra li japplikaw għal dan l-aggrvju wkoll. F'dan l-aggravju l-appellant jinsa l-vesti tiegħu kif ukoll it-trapass taż-żmien li tah iċ-ċans kollu li jkun jaf l-affarijiet sew. Huwa baqa' jippersisti sa Jannar 2003 u wara ma għamel xejn. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan is-sitt aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seba' aggravju l-appellant jagħmel riferenza għall-imputazzjonijiet li tagħhom huwa nstab ħati u jagħmel konsiderazzjonijiet dwarhom.

Illi dwar l-ewwel (1) imputazzjoni l-appellant insista li ngħatat il-fattura korretta u jissottometti li l-element ta' qligħ ma jeżistix, li tħallas l-ammont kollu dovut u li *se mai* il-qligħ li seta' kien hemm seta' ikun perċepit minn Anthony Mizzi. Dawn il-punti kollha tqajmu fl-aggravji diġa' msemmija. L-Ewwel Qorti korrettement interpetat l-elementi ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u li biex wieħed jinstab ħati hemm bżonn ta' aktar minn kliem menzonjer. Fil-fatt il-*messa in scena* hawn kienet il-fattura bil-figura ta' sebat elef Euro (€7,000). Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-elementi ta' dan ir-reat kienu kollha preżenti u għalhekk qed tiċħad din il-parti ta' dak li hu indikat bħala s-seba' aggravju.

Illi l-istess aggravju jirreferi għat-tielet (3) imputazzjoni u ċioè fejn l-appellant ġie akkużat li xjentement għamel użu minn dokument falz *ai termini* ta' Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-appellant jissottometti li ma ġiex ppruvat li l-fattura ta' sebat elef Euro (€7,000) għamilha hu jew li meta ngħataw il-fatturi mill-burdnar hu kien jaf li waħda mill-fatturi kienet tindika li l-ħġieġa kienet tiswa sebat elef Euro ((€7,000). Din il-Qorti tinnota li jirriżulta li l-appellant baqa' jinsisti fuq il-valur tal-ħġieġa bħala dik ta' sebat elef Euro ((€7,000) u anzi qal li kien hemm żball fit-*typing* u dan meta kien għadda żmien biżżejjed biex bħala direttur żgur ikun jaf il-fatti. Għalhekk l-appellant ħalla dokument li kien jaf li mhux veritjier jibqa' fir-*records* għand il-Kontrollur tad-Dwana. Huwa veru li m'hemmx prova li mar bid-dokument hu iżda mbagħad daħal fir-responsabilita' li jkun jaf il-fatti kif inhuma jew kif kienu. Għalhekk huwa ħalla dak id-dokument falz quddiem l-awtoritajiet u mhux biżżejjed li jgħid li hu ma jifhimx fil-ħġieġ meta seta' għamel il-verifiki kollha ma' sid il-kumpanija. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti ta' dan l-aggravju wkoll.

Illi l-aħħar parti tas-seba' aggravju huwa dwar ir-raba' (4) imputazzjoni. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li ntqal qabel u b'hekk qed tiċħad din il-parti ta' dan l-aggravju wkoll.

B'hekk isegwi li s-seba' aggravju qed ikun miċħud kollu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aħħar aggravju tal-appellant huwa t-<u>tmien aggravju</u> (u dana minkejja li fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant erronjament indikah bħala s-seba' wieħed meħud in konsiderazzjoni li diġà kien elenka seba' aggravji oħra qablu). Dan l-aħħar aggravju huwa dwar l-istqarrija tal-appellant. F'din il-parti hawn ukoll punti li kienu tqajmu qabel fir-Rikors tal-appell. Din il-Qorti tinnota li aktar 'il fuq diġa' għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-istqarrija rilaxxata mill-appellant Bone u, a skans ta' ripetizzjoni, tapplikahom hawn b'konsegwenza ta' liema l-aggravju in kwistjoni qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li l-vesti ta' direttur għandha obbligi kbar u wieħed ma jistax jeħles minnhom billi jgħid li ma jaf xejn speċjalment jekk it-tmexxija tal-kumpanija kienet kollha f'idejh fiż-żmien partikolari.

Illi wara li din il-Qorti rriflettiet fit-tul jidhrilha li fir-rigward tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni jirriżulta t-tentattiv biss minħabba li jirriżulta li biex inħarġet il-merkanzja kienet tħallset it-Taxxa fuq il-Valur l-aktar għoli u għaldaqstant din il-Qorti ser tirriforma s-sentenza appellata f'dan is-sens.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni;

- tibdel u tirriforma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati ta' l-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni billi għal dawn iż-żewġ imputazzjonijiet issibu ħati ta' tentattiv biss;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn għall-imputazzjoni li tikkonċerna l-evazjoni tal-ħlas ta' dazju lid-Dwana għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) *ai termini* ta' dak li jipprovdi il-proviso ta' Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddikjara li terz minn dan l-ammont għandu jitqies bħala dejn ċivili addebitat u li jitħallas lid-Dipartiment tad-Dwana;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra l-appellant ma ħallasx il-VAT dovut lill-Gvern ta' Malta fuq l-ammont reali tal-valur tal-oġġett importat u tal-imputazzjoni ta' frodi u ta' użu ta'

dokument falz u minflok li kkundannatu jħallas multa ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€27,253.68) lill-Kummissarju tal-VAT oltre li tikkundannah għar-reati l-oħra, hija kkundannatu komplessivament għall-priġunerija ta' tmintax (18)-il xahar liema perjodu ġie sospiż għall-perjodu ta' tliet (3) snin *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

u

minflok, minħabba li din il-Qorti rravviżat t-tentattiv biss fl-ewwel (1) u fir-raba' (4) imputazzjoni, u minflok tikkundannah iħallas il-multa ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u tlieta u ħamsin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€27,253.68) lill-Kummissarju tal-VAT oltre li tikkundannah għar-reati l-oħra, tikkundannah komplessivament għal disa' (9) xhur priġunerija liema perjodu qed jiġi sospiż *ai termini* ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' sentejn mil-lum.

Finalment din il-Qorti spjegat ukoll bi kliem ċar lill-ħati r-responsabilita' li titnissel minn Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**